



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5362/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0002(NLE)

POLCOM 15
WTO 8
FDI 6

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għall-Iżvilupp fil-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (EU) 2024/...

ta'...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fit-13-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment
għall-Iżvilupp fil-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/800/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Skont l-Artikolu X:9 tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tista' tiddeċiedi b'konsensus biex tinkorpora ftehim fl-Anness 4 mal-Ftehim tad-WTO.
- (3) It-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO, li se ssir mis-26 sad-29 ta' Frar 2024, tista' tadotta deċizzjoni dwar l-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.
- (4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO, billi d-deċizzjoni hija vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) In-negozjati għall-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp tnedew formalment f'Settembru 2020. Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati f'isem l-Unjoni. In-negozjati ġew konklużi fis-6 ta' Lulju 2023.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986–1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

- (6) Peress li mhux il-Membri kollha tad-WTO pparteċipaw fin-negozjati, l-intenzjoni tal-Membri tad-WTO li pparteċipaw fin-negozjati hija li jippreżentaw talba biex il-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp jiġi inkorporat bħala ftehim plurilaterali fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO. Jenħtieġ li l-Unjoni tipparteċipa f'dik it-talba bħala pass preparatorju lejn deċiżjoni possibbli tal-Konferenza Ministerjali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO għandha tkun li tingħaqad mal-konsens milħuq fost il-Membri tad-WTO fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
